IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.10.2024
COM(2024) 651 final

2024/0176 (BUD)

ITTRA EMENDATORJA Nru 1 GĦALL-ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI 2025

Aġġustamenti fl-approprjazzjonijiet ta' pagament
Ħtiġijiet stmati aġġornati għan-nefqa agrikola
Aġġustamenti oħra u aġġornamenti tekniċi

Wara li kkunsidrat:

– it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 106a tiegħu,

– id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea[1], li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ġunju 2021,

– Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni)[2], u b'mod partikolari l-Artikolu 42 tiegħu,

– l-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025, kif adottat mill-Kummissjoni fit-12 ta' Lulju 2024[3],

Il-Kummissjoni Ewropea b'dan tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill l-Ittra Emendatorja Nru 1 tal-abbozz tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2025 għar-raġunijiet stabbiliti fil-memorandum ta' spjegazzjoni.

BIDLIET GĦAD-DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U TAN-NEFQA SKONT IT-TAQSIMA

Il-bidliet fir-rapport ġenerali tan-nefqa u tad-dħul kif ukoll fir-rapporti tad-dħul u tan-nefqa skont it-taqsima huma disponibbli fuq EUR-Lex (https://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm). Verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'dan ir-rapport hija mehmuża għall-informazzjoni bħala anness baġitarju.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2053 tal-14 ta' Diċembru 2020 dwar is-sistema tar-riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/335/UE, Euratom, ĠU L 424, 15.12.2020.

[2] ĠU L, 2024/2509, 26.09.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

[3] COM(2024) 300 final, 12.7.2024.

1. INTRODUZZJONI

L-Ittra Emendatorja Nru 1 (IE 1/2025) għall-abbozz tal-baġit għall-2025 (AB 2025) tkopri l-elementi li ġejjin:

— Żieda fl-approprjazzjonijiet ta' pagament b'rabta mal-flessibbiltajiet addizzjonali u l-appoġġ għal ammont indikattiv ta' EUR 10 biljun mill-fondi ta' koeżjoni lill-Istati Membri milquta mid-diżastri naturali fl-Ewropa;

— Aġġornament tal-ħtiġijiet għal-linja tal-imgħax għal NextGenerationEU, fl-isfond ta' livell aktar baxx ta' żborżi tan-NextGenerationEU sa tmiem Settembru 2024 milli kien stmat qabel;

— Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati, id-dħul assenjat u l-approprjazzjonijiet għan-nefqa agrikola. Minbarra l-fatturi tas-suq li dejjem jinbidlu, l-IE 1/2025 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-agrikoltura minn meta ġie adottat l-AB 2025 f'Lulju 2024 kif ukoll proposti oħra li huma mistennija li jkollhom effett sinifikanti matul is-sena baġitarja;

— Aġġornament tal-ħtiġijiet stmati għall-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs), b'kont meħud tal-protokolli l-ġodda mar-Repubblika ta' Cabo Verde (2024-2029) u mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2024-2029);

— Aġġustamenti għall-intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea":

- sabiex jiġi inkorporat l-impatt tal-aġġustament tas-salarji ogħla għall-2024 fuq in-nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet u fuq il-pensjonijiet wara stimi aġġornati dwar il-kapaċità tal-akkwist u l-inflazzjoni, meta mqabbla mal-parametri użati fit-tħejjija tal-AB 2025;
- biex jissaħħaħ is-Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni (CERT-EU) permezz tat-trasferiment ta' karigi u approprjazzjonijiet minn Istituzzjonijiet oħra, wara l-ftehim dwar ir-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà;
- biex tiġi inkorporata korrezzjoni teknika fit-taqsima tal-Ombudsman Ewropew.

— Aġġustamenti għal-livell ta' approprjazzjonijiet għan-nefqa amministrattiva barra mill-intestatura 7, inkluż għal xi aġenziji deċentralizzati, marbuta mal-aġġornament tas-salarji tal-2024;

— Aġġustamenti ulterjuri tal-kontribuzzjoni tal-UE ta' diversi aġenziji deċentralizzati, kif ġej:

- tisħiħ tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) biex jilqa' għall-introduzzjoni proposta ta' allowance għall-akkomodazzjoni għall-persunal fil-gradi aktar baxxi fil-Lussemburgu u biex tkompli tissaħħaħ l-indipendenza tal-IT tal-UPPE;
- aġġustament tal-kontribuzzjoni tal-UE lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) biex issaħħaħ iċ-ċibersigurtà tagħha u tisħiħ tal-pjan ta' stabbiliment b'pożizzjoni waħda fit-tabella tal-persunal;
- aġġustament tal-klassifikazzjoni fil-pjanijiet ta' stabbiliment tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), li jippermetti promozzjoni xierqa u progressjoni tal-karrieri;

— Aġġustament tan-nomenklatura baġitarja u rimarki wara l-adozzjoni tal-proposta għar-Regolament dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni ta' Self għall-Ukrajna (ULCM)[4];

[4] COM(2024) 426 final, 20.9.2024.

— Aġġustament tan-nomenklatura baġitarja wara talbiet speċifiċi mill-Istati Membri għat-trasferiment ta' riżorsi skont l-Artikolu 26 tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni (RDK)[5];

— Korrezzjonijiet tekniċi fir-rimarki rilevanti tal-baġit fir-rigward ta' referenzi għal diżimpenji magħmula fir-rigward ta' approprjazzjonijiet li saru disponibbli mill-ġdid f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju.

— Aġġornament tan-naħa tad-dħul tal-baġit fir-rigward tal-kontribuzzjoni riveduta tar-Renju Unit u l-aġġustament tan-nomenklatura tal-baġit u r-rimarki wara l-adozzjoni tal-proposta għall-ULCM.

B'mod ġenerali, l-impatt nett tal-IE 1/2025 fuq in-nefqa fl-AB 2025 huwa tnaqqis ta' EUR 303,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u żieda ta' EUR 2 657,0 miljun f'approprjazzjonijiet ta' pagament.

(F'miljuni ta' EUR)

Programm	Approprjazzjonijiet ta' impenn	Approprjazzjonijiet ta' pagament
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR)	0,0	3 000,0
Linja tal-imgħax tal-EURI	-195,0	-195,0
Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG)	-351,9	-391,9
SFPAs	0,0	0,0
Aġġornament tas-salarju rivedut - aġġustamenti taħt l-intestatura 7	219,9	219,9
CERT-EU	0,0	0,0
Aġġornament tas-salarju rivedut - aġġustamenti taħt l-intestatura 1-6	19,6	19,6
Aġġustamenti oħra għal xi aġenziji deċentralizzati	4,4	4,4
Totali	**-303,0**	**2 657,0**

Aktar informazzjoni dwar kull komponent hija pprovduta fit-taqsimiet li ġejjin.

Il-linji baġitarji rilevanti huma dettaljati fl-anness baġitarju, flimkien mal-aġġornament tad-dħul li jirriżulta mill-bidliet fin-nefqa inklużi f'din l-ittra emendatorja.

2. ŻIEDA FL-APPROPRJAZZJONIJIET TA' PAGAMENT B'RABTA MAD-DIŻASTRI NATURALI REĊENTI

Wara l-għargħar reċenti fl-Ewropa Ċentrali, il-programmi tal-politika ta' koeżjoni se jiġu mobilizzati biex jgħinu lill-Istati Membri jirkupraw mid-danni. Il-flessibbiltajiet li l-Kummissjoni biħsiebha tipproponi fil-politika ta' koeżjoni se jippermettu lill-Istati Membri affettwati jemendaw il-programmi tagħhom sabiex jirrispondu għat-tibdil fil-klima u d-diżastri naturali filwaqt li jibbenefikaw minn likwidità addizzjonali mill-baġit tal-UE. Huwa propost li jiġu inklużi EUR 3 biljun addizzjonali f'approprjazzjonijiet ta' pagament aktar mil-livell diġà propost fl-AB 2025. Dawn l-approprjazzjonijiet ta' pagament se jintużaw biex jindirizzaw ħtiġijiet urġenti u jipprovdu appoġġ rapidu lill-pajjiżi milquta minn diżastri.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
05 02 01	FEŻR — Nefqa operazzjonali	0	3 000 000 000
Totali		**0**	**3 000 000 000**

[5] Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

3. KOSTIJIET TA' FINANZJAMENT TA' NEXTGENERATIONEU

Fil-kuntest tal-AB 2025, il-Kummissjoni pproponiet tisħiħ tal-linja tal-imgħax tal-EURI b'EUR 2 478,2 miljun meta mqabbla mal-ipprogrammar finanzjarju għall-2025 għal ammont totali ta' EUR 5 156 miljun, abbażi ta' projezzjonijiet tar-rati tal-iżborżi u tal-imgħax tal-NGEU sa tmiem it-tielet trimestru tal-2024. Mit-30 ta' Settembru 2024, it-tranżazzjonijiet eżegwiti kollha sat-tielet trimestru tal-2024 jammontaw għal total ta' żborżi tal-NGEU għal EUR 49,8 biljun, jew EUR 5,4 biljun inqas minn meta ġie stabbilit l-Abbozz tal-Baġit 2025.

L-istima tal-kost finali tal-finanzjament għall-baġit tal-2025 hija għalhekk ta' EUR 4 961 miljun jiġifieri qbiż tal-kostijiet ta' EUR 2 283,2 miljun. Dan l-ammont huwa finali, f'konformità mal-approċċ rivedut li jipprovdi li, mill-baġit tal-2025, il-Kummissjoni se tibbaża l-ibbaġitjar tal-linja tal-imgħax tal-EURI fuq il-volum tal-iżborżi li jiġi kkonfermat sa tmiem it-tielet trimestru tas-sena preċedenti. Dan jipprovdi bażi stabbli għall-applikazzjoni tal-"mekkaniżmu ta' kaskata" saż-żmien tal-ittra emendatorja għall-abbozz tal-baġit.

Il-kost finali għal-linja tal-imgħax b'hekk titnaqqas b'EUR 195 miljun meta mqabbel mal-AB 2025. Il-Kummissjoni tipproponi li tnaqqas il-livell ta' approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-linja tal-imgħax tal-EURI kif xieraq.

EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjoni jiet ta' impenn	Approprjazzjoni jiet ta' pagament
06 04 01	Strument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru (EURI) – Il-ħlas ta' kupun perjodiku u l-fidi tal-maturità	-195 000 000	-195 000 000
Totali		**-195 000 000**	**-195 000 000**

Bit-tnaqqis propost, il-Kummissjoni tipproponi li l-ħtiġijiet ġenerali ta' EUR 2 283,2 miljun ogħla mill-ipprogrammar finanzjarju għall-2025 jiġu ffinanzjati mill-marġini li jifdal taħt is-subintestatura 2b ta' EUR 35,7 miljun u l-mobilizzazzjoni ta' EUR 1 105,8 miljun taħt l-Istrument ta' Flessibbiltà, bil-ħsieb li tkompli timmobilizza ammont f'konformità mal-punt ta' riferiment ta' 50 % tal-qbiż tal-kostijiet. Fuq dik il-bażi, meta jitqiesu l-aġġustamenti l-oħra għas-subintestatura 2b proposti f'din l-IE 1/2025, ir-rikors għall-Istrument ta' Flessibbiltà taħt is-subintestatura 2b se jitnaqqas b'EUR 87,0 miljun għal EUR 1 105,8 miljun, u l-ammont mobilizzat taħt l-istrument EURI se jitnaqqas b'EUR 97,5 miljun għal EUR 1 141,6 miljun.

4. FOND AGRIKOLU EWROPEW TA' GARANZIJA (FAEG)

L-IE 1/2025 taġġorna l-istimi għan-nefqa agrikola abbażi tal-aktar *data* ekonomika u qafas leġiżlattiv aġġornati. Sa Settembru 2024, il-Kummissjoni kellha għad-dispożizzjoni tagħha l-ewwel indikazzjoni tal-livell ta' produzzjoni għall-2024, u l-perspettiva għas-swieq agrikoli kif ukoll iċ-ċifri attwali għall-biċċa l-kbira tal-eżekuzzjoni baġitarja tal-2024 rigward il-ġestjoni kondiviża tal-FAEG, li huma l-bażi għall-istimi aġġornati tal-ħtiġijiet baġitarji għall-2025.

Minbarra li tqis il-fatturi tas-suq, l-IE 1/2025 tinkorpora wkoll l-impatt tad-deċiżjonijiet leġiżlattivi fis-settur agrikolu minn meta ġie adottat l-AB 2025 f'Ġunju 2024.

B'mod ġenerali, il-ħtiġijiet tal-FAEG għall-2025, inkluża r-riżerva għall-agrikoltura, issa huma stmati li huma EUR 41 215 miljun[6]. Din hija żieda ta' EUR 344 miljun meta mqabbla mal-AB 2025, li hija dovuta rispettivament għal:

1) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 120 miljun għar-riżerva għall-agrikoltura għall-miżuri eċċezzjonali adottati fl-2024 u li għalihom in-nefqa se tiġi ddikjarata fis-sena agrikola 2025,

[6] L-ammont tal-ħtiġijiet jikkorrispondi għal EUR 40 177 miljun ta' approprjazzjonijiet ġodda flimkien ma' EUR 395 miljun ta' dħul assenjat li huwa mistenni li jinġabar fl-2025, EUR 361 miljun ta' surplus tal-2024, eskluża r-riżerva għall-agrikoltura u riport ta' EUR 282 miljun tar-riżerva għall-agrikoltura.

2) ħtiġijiet addizzjonali għal miżuri tas-suq tal-Istati Membri u interventi ta' EUR 94 miljun, għall-miżuri ta' promozzjoni, għas-settur tal-frott u tal-ħaxix u għall-iskemi tal-iskejjel, wara implimentazzjoni tajba fl-2024,

3) żieda relattivament żgħira ta' EUR 30 miljun għall-pagamenti diretti,

4) ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 100 miljun skont l-artikolu 08 02 06 "Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar",

5) mossa newtrali għall-baġit mit-tlestija tal-linja ta' programmi preċedenti għall-iskemi ta' pagamenti diretti "qodma" li jammontaw għal EUR 30 miljun.

Fl-2024, ġew adottati miżuri eċċezzjonali taħt ir-riżerva għall-agrikoltura għal ammont ta' EUR 295 miljun, li minnhom EUR 175 miljun xorta jistgħu jitħallsu fl-2024, filwaqt li EUR 120 miljun se jiġu riportati għall-2025 f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Orizzontali tal-PAK[7]. Dan iġib ir-riżerva għall-agrikoltura fl-2025 għal EUR 570 miljun, li jħalli EUR 450 miljun disponibbli għal miżuri ġodda. Se tkun iffinanzjata minn ammont li ma ntefaqx mir-riżerva għall-agrikoltura tal-2024 ta' EUR 282 miljun, kif ukoll EUR 288 miljun mid-disponibiltajiet tal-FAEG tal-2025.

Fl-istess ħin, l-ammont totali tad-dħul assenjat u l-approprjazzjonijiet riportati, inkluża r-riżerva għall-agrikoltura, li huwa mistenni li jkun disponibbli fl-2025 jiżdied minn EUR 342 miljun fl-AB 2025 għal EUR 1 038 miljun (jiġifieri żieda ta' EUR 696 miljun), li jkopru bis-sħiħ il-ħtiġijiet addizzjonali ta' EUR 344 miljun. Is-surplus joriġina notevolment mis-sottoeżekuzzjoni tar-riżerva għall-agrikoltura tal-2024 kif spjegat hawn fuq u mid-dħul assenjat ogħla milli mistenni mill-approvazzjoni tal-kontijiet tal-FAEG fl-2024.

Bħala riżultat ta' dawn l-aġġornamenti, l-ammont ta' approprjazzjonijiet ta' impenn huwa ta' EUR 40 177 miljun, li jinkludi EUR 288 miljun għar-riżerva għall-agrikoltura. Dan iħalli marġni ta' EUR 351,9 miljun taħt il-bilanċ nett disponibbli għall-FAEG ta' EUR 40 528,9 miljun. Bħas-soltu matul is-sena, il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib il-ħtiġijiet, inkluż għar-riżerva għall-agrikoltura, u se tipproponi soluzzjonijiet baġitarji rilevanti jekk u kif meħtieġ.

EUR

Linja baġitarja	**Isem**	**Approprjazzjonijiet ta' impenn**	**Approprjazzjonijiet ta' pagament**
08 02 01	Riżerva għall-agrikoltura	-162 000 000	-162 000 000
08 02 02	Tipi ta' interventi f'ċerti setturi taħt il-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	51 000 000	51 000 000
08 02 03	Nefqa relatata mas-suq barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	43 000 000	3 000 000
08 02 04	Tipi ta' interventi b'pagamenti diretti permezz tal-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	-383 920 598	-383 920 598
08 02 05	Pagamenti diretti barra mill-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK	30 000 000	30 000 000
08 02 06	Strateġija ta' politika, koordinazzjoni u awditjar	100 000 000	100 000 000
08 02 99	Tlestija ta' programmi u ta' attivitajiet preċedenti	-30 000 000	-30 000 000
Totali		**-351 920 598**	**-391 920 598**

5. AĠĠORNAMENT TAL-FTEHIMIET TA' SĦUBIJA DWAR SAJD SOSTENIBBLI

Il-Kummissjoni eżaminat l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli dwar il-Ftehimiet ta' Sħubija dwar Sajd Sostenibbli (SFPAs) u rrieżaminat il-ħtiġijiet mistennija għall-2025 abbażi tal-iżviluppi fin-negozjati mal-pajjiżi terzi involuti, kif previst fil-punt C tal-Parti II tal-Ftehim Interistituzzjonali (IIA)[8].

[7] Ir-Regolament (UE) 2021/2116 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013.

[8] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda, ĠU L 433, 20.12.2020, p. 28.

Abbażi ta' dan ir-rieżami, il-Kummissjoni tipproponi trasferiment ta' EUR 17,8 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament mir-riżerva għal-linja operazzjonali ewlenija SFPA. Dan it-trasferiment newtrali għall-baġit huwa relatat mal-protokolli ġodda mar-Repubblika ta' Cabo Verde (2024-2029) iffirmati fit-23 ta' Lulju 2023, u mar-Repubblika tal-Guinea-Bissau (2024-2029) iffirmati fit-18 ta' Settembru 2024.

Bl-aġġustamenti proposti, l-approprjazzjonijiet ta' impenn totali disponibbli għall-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli se jammontaw għal EUR 150,6 miljun, li minnhom EUR 60 miljun fir-riżerva u EUR 90,6 miljun fuq il-linja operazzjonali ewlenija. Fir-rigward ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, l-ammont totali ta' EUR 135,3 miljun se jinkludi ammont ta' EUR 41,6 miljun fil-forma ta' riżerva.

EUR

Linja baġitarja	**Isem**	**Approprjazzjonijiet ta' impenn**	**Approprjazzjonijiet ta' pagament**
08 05 01	Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi	17 780 000	17 780 000
30 02 02	Approprjazzjonijiet differenzjati *(Riżerva għall-artikolu baġitarju 08 05 01)*	-17 780 000	-17 780 000
Totali		**0**	**0**

6. AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA EWROPEA (INTESTATURA 7)

F'din l-IE 1/2025, il-Kummissjoni tipproponi aġġustamenti għall-intestatura 7 "Amministrazzjoni Pubblika Ewropea" fir-rigward tal-impatt taż-żieda fl-aġġustament tas-salarji għall-2024 fuq in-nefqa amministrattiva fl-2025 inkluż +1,2 % mill-1 ta' April 2025 minħabba l- applikazzjoni tal-"klawsola ta' moderazzjoni" f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Anness XI tar-Regolamenti tal-Persunal[9].

Nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet

Fit-tħejjija għall-abbozz tal-baġit tal-2025, il-Kummissjoni applikat il-prinċipji ta' persunal stabbli u żieda ta' massimu ta' 2 % fin-nefqa mhux relatata mas-salarji għall-istituzzjonijiet kollha. Hija rrevediet it-talbiet ta' istituzzjonijiet oħra sabiex tippreżenta abbozz ta' baġit li jirrispetta l-obbligi legali kollha, filwaqt li tfittex li tillimita r-rikors meħtieġ għal strumenti speċjali.

Sa mid-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal riveduti fl-2014, il-livell tal-aġġornament tas-salarji u l-pensjonijiet għall-persunal tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji kollha tal-UE huwa bbażat fuq metodoloġija mhux diskrezzjonali li tinkludi żewġ elementi. L-ewwel element huwa l-evoluzzjoni netta tal-kapaċità tal-akkwist tal-ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali minn basket ta' 10 Stati Membri[10], li jirrappreżentaw mill-inqas 75 % tal-PDG tal-UE. Dan jikkostitwixxi l-Indikatur Speċifiku Globali (GSI, Global Specific Indicator). It-tieni element – l-Indiċi Konġunt (JI, Joint Index) – iqis l-inflazzjoni fil-Belġju u l-Lussemburgu. L-awtomatiċità tal-metodu ta' aġġornament tas-salarji tiżgura li s-sistema tirrifletti kemm l-avvenimenti fl-ekonomija reali kif ukoll id-deċiżjonijiet mill-Istati Membri, kif ikkonfermat mill-Eurostat bi qbil mal-istituti nazzjonali tal-istatistika. L-aġġornament tas-salarji tal-2024 għal +7,2 % huwa ogħla mill-+5,3 % previst fl-AB 2025. Il-klawsola ta' moderazzjoni timplika aġġornament tas-salarji ta' +1,2 % f'April 2025, filwaqt li l-abbozz tal-baġit 2025 inbena fuq suppożizzjoni ta' +0,6 %.

Filwaqt li r-rapport korrispondenti tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew se jiġi adottat f'Novembru, proposta biex jiġu aġġustati l-approprjazzjonijiet baġitarji biex jitqiesu l-aktar parametri reċenti hija ġġustifikata f'dan l-istadju tas-sena baġitarja, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u akkuratezza baġitarja. Konsegwentement, il-Kummissjoni u l-istituzzjonijiet l-oħra

9 ĠU 45, 14.6.1962, p. 1385, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/1962/31(1)/oj.

10 BE, DE, ES, FR, IT, LU, NL, AT, PL, SE.

kkalkulaw mill-ġdid in-nefqa fuq is-salarji tagħhom. Dan iżid in-nefqa fuq is-salarji b'EUR 147,9 miljun meta mqabbla mal-istimi fl-AB 2025.

Barra minn hekk, it-talba għan-nefqa fuq il-pensjonijiet tiżdied b'EUR 67,9 miljun, u t-talba għall-Iskejjel Ewropej b'EUR 4,3 miljun.

Impatt ġenerali u dettaljat skont it-Taqsimiet

B'mod ġenerali, il-proposta hija li tiżdied in-nefqa mhux differenzjata tal-intestatura 7 (Amministrazzjoni Pubblika Ewropea) b'EUR 219,9 miljun għall-2025, meta mqabbla mal-AB 2025, li teħtieġ rikors ulterjuri għall-Istrument ta' Marġini Uniku . Dan jikkorrispondi għal żieda ta' EUR 147,8 miljun għan-nefqa amministrattiva tal-Istituzzjonijiet, EUR 67,9 miljun għall-pensjonijiet tal-istituzzjonijiet kollha u EUR 4,3 miljun għall-Iskejjel Ewropej.

Għall-Intestatura 7, l-impatt ġenerali fuq in-nefqa huwa kif ġej, inkluż ukoll ir-riallokazzjonijiet marbuta mas-CERT-EU u t-talba speċifika għall-Ombudsman Ewropew kif iddettaljat fit-taqsimiet li jmiss:

Ammonti f'EUR

	Abbozz tal-Baġit 2025	**Ittra Emendatorja 1/2025**	**Abbozz tal-Baġit 2025 inkluż IE 1/2025**
Pensjonijiet u Skejjel Ewropej	**3 052 382 066**	**72 162 590**	**3 124 544 656**
Pensjonijiet	2 789 377 000	67 878 000	2 857 255 000
Skejjel Ewropej	263 005 066	4 284 590	267 289 656
Nefqa amministrattiva tal-istituzzjonijiet	**9 561 979 384**	**147 751 601**	**9 709 730 985**
Kummissjoni	4 378 737 735	78 547 255	4 457 284 990
Istituzzjonijiet oħra	5 183 241 649	69 204 346	5 252 445 995
Parlament Ewropew	2 498 063 379	33 461 779	2 531 525 158
Kunsill	705 821 530	9 932 328	715 753 858
Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	532 720 000	8 871 503	541 591 503
Qorti tal-Awdituri	190 918 281	3 597 566	194 515 847
Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	171 725 025	2 222 096	173 947 121
Kumitat tar-Reġjuni	128 585 216	1 797 730	130 382 946
Ombudsman Ewropew	15 183 194	242 236	15 425 430
Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*	26 473 899	329 976	26 803 875
Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna	913 751 125	8 749 132	922 500 257
Totali	**12 614 361 450**	**219 914 191**	**12 834 275 641**

Aġġornament tas-salarji

L-impatt dettaljat skont it-taqsima, fir-rigward tal-impatt taż-żieda fl-aġġustament tas-salarji miżjud fl-2024, huwa kif ġej:

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	**Isem**	**Approprjazzjonijiet**
Taqsima I - Il-Parlament Ewropew		
1 0 0 0	Salarji	2 138 430
1 0 2	Allowances tranżitorji	345 645
1 0 3 1	Pensjonijiet tal-invaliditá (PEAM, Rules governing the payment of expenses and allowances to Members)	2 138
1 0 3 2	Pensjonijiet tar-riverżjoni (PEAM)	47 279
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	20 159 060
1 2 0 2	Sahra mħallsa	1 173

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet
1 2 2 0	Allowances għall-persunal irtirat mix-xogħol jew li jingħata l-liv fl-interess tas-servizz	84 598
1 4 0 0	Aġenti oħra — Segretarjat Ġenerali u gruppi politiċi	2 100 929
1 4 0 1	Aġenti oħra — Sigurtà	1 173 404
1 4 0 2	Aġenti oħra — Xufiera fis-Segretarjat Ġenerali	220 704
1 4 0 4	Traineeships, esperti nazzjonali sekondati, skambji ta' uffiċjali u żjarat ta' studju	310 850
1 4 0 5	Nefqa fuq l-interpretazzjoni	1 441 796
4 2 2	Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari	5 875 873
Subtotal tat-Taqsima I		**33 901 879**
Taqsima II - Il-Kunsill u Il-Kunsill Ewropew		
1 0 0 0	Salarju bażiku	10 000
1 0 0 1	Intitolamenti marbutin mal-post tax-xogħol okkupat	3 000
1 0 0 2	Intitolamenti marbutin maċ-ċirkostanzi personali	1 000
1 0 0 3	Kopertura għas-sigurtà soċjali	1 000
1 0 1 0	Benefiċċju tranżitorju	15 000
1 1 0 0	Salarji bażiċi	5 875 621
1 1 0 1	Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin mal-post tax-xogħol okkupat	45 000
1 1 0 2	Intitolamenti taħt ir-Regolamenti tal-Persunal marbutin maċ-ċirkostanzi personali tal-membru tal-persunal	1 375 000
1 1 0 3	Kopertura għas-sigurtà soċjali	227 000
1 1 0 4	Koeffiċjenti korrettivi tas-salarji	4 000
1 1 0 7	Aġġustament annwali tar-remunerazzjoni	2 120 000
1 1 1 0	Allowances fil-każ ta' rtirar fl-interess tas-servizz	56 000
1 2 0 0	Aġenti oħra	300 000
1 2 0 1	Esperti nazzjonali sekondati	35 000
1 2 0 2	Traineeships	23 000
1 2 0 7	Aġġustament annwali tar-remunerazzjoni	67 000
Subtotal tat-Taqsima II		**10 157 621**
Taqsima III - Il-Kummissjoni		
20 01 01 01	Salarji, gratifiki u pagamenti ta' Membri tal-istituzzjoni	307 000
20 01 01 03	Gratifiki ta' Membri preċedenti	101 000
20 01 02 01	Remunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u Uffiċċji ta' rappreżentanza	61 672 000
20 01 02 02	Spejjeż u gratifikikonnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti u terminazzjoni tas-servizz — Kwartieri u Uffiċċji ta' rappreżentanza	337 000
20 01 02 03	Remunerazzjoni u gratifiki — delegazzjonijiet tal-Unjoni	3 477 000
20 01 02 04	Spejjeż u gratifiki konnessi mar-reklutaġġ, trasferimenti u terminazzjoni tas-servizz — delegazzjonijiet tal-Unjoni	65 000
20 01 04	Uffiċjali bi status mhux attiv, irtirati fl-interess tas-servizz jew imkeċċija	172 000
20 02 01 01	Persunal bil-kuntratt	2 332 619
20 02 01 02	Persunal temporanju permezz ta' aġenzija u assistenza teknika b'sostenn ta' attivitajiet varji	181 646
20 02 01 03	Ħaddiema taċ-ċivil nazzjonali assenjati temporanjament mal-istituzzjoni	881 834
20 02 02 01	Persunal bil-kuntratt	473 018
20 02 03 01	Persunal bil-kuntratt	17 000
20 02 04	Kost tal-organizzar ta' traineeships gradwati mal-istituzzjoni	185 000
20 02 05	Konsulenti speċjali	21 000
20 03 15 01	Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet	1 732 000
20 03 15 02	Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal	366 000
20 03 16 01	Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali	1 113 000
20 03 16 02	Uffiċċju għall-infrastruttura u loġistika fi Brussell	2 141 000
20 03 16 03	Uffiċċju għall-infrastruttura u loġistika fil-Lussemburgu	543 000
20 03 17	Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi	1 175 000
21 01 01	Pensjonijiet u allowances	66 494 000
21 01 02 01	Pensjonijiet ta' Membri preċedenti tal-Parlament Ewropew	492 000
21 01 02 02	Pensjonijiet ta' Presidenti preċedenti tal-Kunsill Ewropew u tas-Segretarji-Ġenerali preċedenti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea	17 000
21 01 02 03	Pensjonijiet ta' Membri preċedenti tal-Kummissjoni	261 000
21 01 02 04	Pensjonijiet ta' Membri preċedenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea	427 000
21 01 02 05	Pensjonijiet ta' Membri preċedenti tal-Qorti tal-Awdituri	170 000

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet
21 01 02 06	Pensjonijiet ta' Membri preċedenti tal-Ombudsmen Ewropej	7 000
21 01 02 07	Pensjonijiet ta' Membri preċedenti tal-Kontrolluri Ewropej għall-Protezzjoni tad-*Data*	10 000
21 02 01 01	Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali tal-Iskejjel Ewropej (Brussell)	29 677
21 02 01 02	Brussell I (Uccle)	765 081
21 02 01 03	Brussell II (Woluwe)	644 955
21 02 01 04	Brussell III (Ixelles)	571 040
21 02 01 05	Brussell IV (Laeken)	555 394
21 02 01 06	Lussemburgu I	410 262
21 02 01 07	Lussemburgu II	347 787
21 02 01 08	Mol (BE)	189 966
21 02 01 09	Frankfurt am Main (DE)	162 064
21 02 01 10	Karlsruhe (DE)	193 745
21 02 01 11	Munich (DE)	8 185
21 02 01 12	Alicante (ES)	31 171
21 02 01 13	Varese (IT)	300 239
21 02 01 14	Bergen (NL)	75 024
Subtotal tat-Taqsima III		**149 455 707**
Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja		
1 0 0 0	Remunerazzjonijiet u gratifiki	904 000
1 0 0 2	Intitolamenti mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	48 000
1 0 2	Gratifiki temporanji	81 000
1 2 0 0	Remunerazzjonijiet u gratifiki	7 612 000
1 2 0 2	Sahra mħallsa	18 000
1 2 0 4	Intitolamenti marbuta mal-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tmiem is-servizz	45 000
1 4 0 0	Aġenti oħra	290 000
1 4 0 4	Taħriġ fuq il-post tax-xogħol u skambji ta' persunal	77 000
Subtotal tat-Taqsima IV		**9 075 000**
Taqsima V - Qorti tal-Awdituri		
1 0 0 0	Remunerazzjoni, gratifiki u pensjonijiet	246 000
1 0 0 2	Intitolamenti mad-dħul fis-servizz u mat-tluq minnu	4 000
1 0 2 0	Gratifiki temporanji	11 000
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	3 243 000
1 2 0 2	Sahra mħallsa	5 000
1 2 0 4	Intitolamenti mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	16 000
1 4 0 0	Aġenti oħra	140 000
1 4 0 4	Taħriġ fuq il-post tax-xogħol u skambji ta' persunal	26 000
Subtotal tat-Taqsima V		**3 691 000**
Taqsima VI - Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew		
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	2 143 237
1 2 2 0	Allowances fil-każ ta' persunal irtirat mix-xogħol jew li jibbenefika minn liv fl-interess tas-servizz	7 300
1 4 0 0	Aġenti oħra	70 196
1 4 0 4	Traineeships gradwati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali	22 151
Subtotal tat-Taqsima VI		**2 242 884**
Taqsima VII - Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni		
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	1 660 000
1 2 0 2	Sahra mħallsa	700
1 2 0 4	Intitolamenti mad-dħul fis-servizz, it-trasferiment u t-tluq mis-servizz	5 100
1 2 2 0	Allowance għall-persunal li qed jirtira fl-interess tas-servizz	8 300
1 4 0 0	Aġenti oħra	124 100
1 4 0 4	Traineeships gradwati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali	14 900
Subtotal tat-Taqsima VII		**1 813 100**

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet
Taqsima VIII - L-Ombudsman Ewropew		
1 0 0	Salarji, gratifiki u pagamenti marbutin mas-salarji	20 000
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	320 000
1 4 0 0	Aġenti oħra	57 000
1 4 0 4	Traineeships gradwati, għotjiet u skambju ta' uffiċjali	23 000
Subtotal tat-Taqsima VIII		**420 000**
Taqsima IX - Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data		
1 0 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	9 000
1 1 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	193 000
1 1 1 0	Persunal bil-kuntratt	54 000
3 0 1 0	Remunerazzjoni u gratifiki	50 000
3 0 2 0	Persunal bil-kuntratt	27 000
Subtotal tat-Taqsima IX		**333 000**
Taqsima X - Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna		
1 1 0 0	Salarji bażiċi	2 000 000
3 0 0 0	Remunerazzjoni u intitolamenti għall-persunal statutorju	7 000 000
Subtotal tat-Taqsima X		**9 000 000**
Totali		

Anness speċifiku għall-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet		
O1 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	1 688 000
O1 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, (…)	7 000
O1 01 02	Persunal estern	37 000
Totali		**1 732 000**

Anness speċifiku għall-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal		
O2 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	329 000
O2 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, (…)	1 000
O2 01 02	Persunal estern	36 000
Totali		**366 000**

Anness speċifiku għall-Uffiċċju tal-Amministrazzjoni u l-Ħlas tal-Intitolamenti Individwali		
O3 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	469 000
O3 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, (…)	3 000
O3 01 02	Persunal estern	641 000
Totali		**1 113 000**

Anness speċifiku għall-Uffiċċju għall-infrastruttura u loġistika fi Brussell		
O4 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	875 000
O4 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, (…)	3 000
O4 01 02 01	Persunal estern - OIB	826 000
O4 01 02 02	Persunal estern — Faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal	437 000
Totali		**2 141 000**

Anness speċifiku għall-Uffiċċju għall-infrastruttura u loġistika fil-Lussemburgu		
O5 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	295 000
O5 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, (…)	1 000
O5 01 02 01	Persunal estern - OIL	207 000
O5 01 02 02	Persunal estern — Servizzi għall-indukrar tat-tfa	40 000

Totali		**543 000**

Anness speċifiku għall-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF)		
O6 01 01 01	Remunerazzjoni u gratifiki	1 155 000
O6 01 01 02	Spejjeż u gratifiki relatati mar-reklutaġġ, (…)	4 000
O6 01 02	Persunal estern	16 000
Totali		**1 175 000**

CERT-EU - Trasferiment ta' pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal u approprjazzjonijiet minn diversi Istituzzjonijiet lill-Kummissjoni

Bir-riskju u t-tixrid dejjem akbar ta' attakki ċibernetiċi, hemm il-ħtieġa li jiżdied il-finanzjament tas-CERT-EU, li jipprovdi livell komuni għoli ta' ċibersigurtà fl-istituzzjonijiet kollha tal-UE, li jippermetti allinjament ma' qafas li jindirizza t-theddid għaċ-ċibersigurtà, u li jistabbilixxi monitoraġġ u rapportar lil Bord Interistituzzjonali taċ-Ċibersigurtà.

L-estensjoni tal-mandat tas-CERT-UE ġiet stabbilita fir-Regolament dwar iċ-Ċibersigurtà li daħal fis-seħħ fis-7 ta' Jannar 2024. Id-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja r-Regolament miftiehem tipprevedi tisħiħ tar-riżorsi umani u baġitarji lis-CERT-EU mill-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni. Fir-rigward tal-persunal, jispeċifika li tali kontribuzzjoni *"li jkun proporzjonali għas-sehem rispettiv ta' karigi AD permanenti tal-organizzazzjoni"*.

Filwaqt li l-Kummissjoni kienet diġà għamlet disponibbli l-pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal meħtieġa, il-proposta attwali hija li jiġu trasferiti disa' postijiet AD8 u l-approprjazzjonijiet tas-salarji relatati, biex ikopru perjodu ta' sitt xhur fl-2025, kif ġej: tnejn mill-Parlament Ewropew, tnejn mill-Kunsill, tnejn mill-Qorti tal-Ġustizzja, wieħed mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, u tnejn mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna. Il-bidliet fil-pjanijiet ta' stabbiliment relatati huma stipulati fl-anness baġitarju.

Bl-istess mod, l-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu għall-operazzjonijiet tas-CERT-EU permezz tal-linja baġitarja 20 04 04 Is-Servizz taċ-Ċibersigurtà għall-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni (CERT-EU). L-ammont meħtieġ għall-baġit tal-2025 (EUR 8 921 miljun) jikkorrispondi għal żieda ta' EUR 1 156 miljun meta mqabbel mal-baġit tal-2024. Meta stabbiliet l-AB 2025, il-Kummissjoni bbaġitjat l-ammont sħiħ – is-sehem tagħha stess ta' EUR 531 916, flimkien mas-sehem tal-istituzzjonijiet l-oħra li jammonta għal EUR 624 138, billi llimitat it-talba tagħha stess għall-IT. Bit-trasferiment tas-sehem tal-istituzzjoni l-oħra għal-linja CERT-UE, issa qed jiġi propost li jiġi allokat l-ammont ekwivalenti għal-linja 20 04 03 Servizzi taċ-Ċentru tad-*data* u networking, li kellu jkun id-destinazzjoni oriġinali tal-ammont.

L-aġġustamenti proposti – li huma newtrali fir-rigward tal-baġit – huma kif ġej:

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet
Taqsima I - Il-Parlament Ewropew		
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	-140 000
2 1 0 0	Governanza tal-IT u ċibersigurtà	-300 100
Subtotal tat-Taqsima I		**-440 100**
Taqsima II - Il-Kunsill u Il-Kunsill Ewropew		
1 0 0 0	Salarju bażiku	-140 000
2 1 0 2	Għoti ta' service u manutenzjoni ta' tagħmir u software	-85 293
Subtotal tat-Taqsima II		**-225 293**
Taqsima III - Il-Kummissjoni		

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet
20 01 02 01	Remunerazzjoni u gratifiki — Kwartieri u Uffiċċji ta' rappreżentanza	630 000
20 04 03	Servizzi ta' Ċentru tad-*data* u networking	624 138
Subtotal tat-Taqsima III		**1 254 138**
Taqsima IV – Il-Qorti tal-Ġustizzja		
1 2 0 0	Remunerazzjonijiet u gratifiki	-140 000
2 1 0 0	Xiri, għoti ta' service, manutenzjoni ta' tagħmir u software	-63 497
Subtotal tat-Taqsima IV		**-203 497**
Taqsima V - Il-Qorti tal-Awdituri		
1 2 0 0	Remunerazzjoni u gratifiki	-70 000
2 1 0 2	Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni u l-manutenzjoni tas-software u s-sistemi	-23 434
Subtotal tat-Taqsima V		**-93 434**
Taqsima VI - Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew		
2 1 0 2	Għajnuna minn barra b'rabta mal-operat, l-iżvilupp, u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software	-20 788
Subtotal tat-Taqsima VI		**-20 788**
Taqsima VII - Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni		
2 1 0 2	Għajnuna minn barra b'rabta mal-operat, l-iżvilupp, u l-manutenzjoni ta' sistemi ta' software	-15 370
Subtotal tat-Taqsima VII		**-15 370**
Taqsima VIII - L-Ombudsman Ewropew		
2 1 0 0	Xiri, għoti ta' service u manutenzjoni ta' tagħmir u software, u xogħol relatat	-1 764
Subtotal tat-Taqsima VIII		**-1 764**
Taqsima IX - Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data		
2 0 1 0	Tagħmir u servizzi tat-teknoloġija tal-informazzjoni	-3 024
Subtotal tat-Taqsima IX		**-3 024**
Taqsima X - Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna		
1 1 0 0	Salarji bażiċi	-140 000
2 1 0 0	Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-komunikazzjoni	-110 868
Subtotal tat-Taqsima X		**-250 868**
Totali		**0**

Korrezzjoni teknika għall-Ombudsman Ewropew

Fit-tħejjija għall-istimi tiegħu għall-2025, l-Ombudsman Ewropew ma qiesx il-bidliet li saru fl-intitolamenti tal-membri bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/300[11], kemm f'termini ta' allowances tranżitorji u allowances għall-installazzjoni u r-rilokazzjoni, u għar-rimborż tal-kostijiet tat-tneħħija. L-istimi sottomessi fl-AB 2025 huma għalhekk żbaljati fir-rigward ta' żewġ linji baġitarji, li t-tnejn huma direttament marbuta mal-elezzjoni ta' Ombudsman ġdid. It-talba għal emenda tfittex li tikkoreġi dan billi tirritorna lill-baġit ġenerali tal-UE l-approprjazzjonijiet kollha mitluba fuq il-linja baġitarja għal "Gratifiki temporanji" li jammontaw għal EUR 306 000 u titlob approprjazzjonijiet addizzjonali fuq il-linja baġitarja għal "Gratifiki u spejjeż waqt dħul u ħruġ mis-servizz" li huma meħtieġa biex jiffinanzjaw il-pagament ta' gratifiki għall-installazzjoni u r-rilokazzjoni, u r-rimborż tal-kostijiet tal-ivvjaġġar u tat-tneħħija għall-Ombudsman uxxenti u l-Ombudsman il-ġdid għal ammont ta' EUR 130 000.

Ammonti f'EUR

Linja baġitarja	Isem	Approprjazzjonijiet
Taqsima VIII - L-Ombudsman Ewropew		
1 0 2	Gratifiki temporanji	-306 000
1 0 8	Gratifiki u spejjeż waqt dħul u ħruġ mis-servizz	130 000

